MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 364/2015

**W.J Parnis England Ltd**
**(C 399)**

**Vs**

**Intelligent Energy Ltd**
**(C 53597)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Mejju, 2015 illi s-socjeta` intimate hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' mitejn u erbgha u tletin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€234.22) dovuta skont l-invoice datata it-tmintax (18) ta' Gunju, 2014 kopja ta' liema hija annessa u mmarkata bhala Dok A. Dan l-ammont jirrapprezenta bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' intimate fuq ordni taghha stess;

Illi s-socjeta' intimate giet interpellata diversi drabi ghal hlas ta' dan l-ammont madanakollu, il-hlas dovut baqa' ma sarx u ghadu dovut.

Ghaldaqstant, is-socjeta’ rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex,

1. Jiddeciedi u jiddikjara lis-socjeta’ intimate bhala debitrici tas-socjeta’ rikorrenti fl-ammont imsemmi ta’ mitejn u erbgha u tletin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€234.22), jew somma verjuri li tista’ tigi deciza;
2. Jordna lis-socjeta’ intimate thallas lis-socjeta’ rikorrenti l-ammont imsemmi ta’ mitejn u erbgha u tletin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€234.22) jew somma verjuri.

Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji nkorsi mis-socjeta’ rikorrenti in konnessjoni ma` dan id-debitu, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura sal-pagament effettiv bl-oghla rati ai termini tal-Kap. 13, Ligijiet ta’ Malta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tat-23 ta' Gunju, 2015 u qas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-23 ta' Gunju, 2015 u filfatt is-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u tletin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€234.22) bl-imghax legali sa mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez u d-drittijiet, ikunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------